*"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birżebbuġa Tel : +356 21650165* *e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt*

Motto: **PAĊI U SAĦĦA LIL KULĦADD**

*Minuti tas- seduta numru 17 tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa, li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali nhar il-Erbgħa 14 ta' Marzu 2016 fis-5:40p.m.*

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Kevin Barun (K.B.) |
| | Joseph Cutajar (J.C) |
| | Joseph Baldacchino (J.B.) |
| | Leanne Grech (L.G.) |
| | Josette Busuttil (J.B.D) |
| | Herman Reuben Schiavone (HS) |
| | Stanley Zammit (S.Z.) |
| Segretarju Eżekuttiv | Svetlick Flores (SF) |
| Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ: | Scott Camilleri (SC) |
| Skużati | 0 |
| Membri tal-pubbliku: | 1 |

---

**Aġenda għal-laqgħa:**

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Uffiċjali u Membri tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Offerti Pubbliċi.
10. Talbiet għal-danni sofferti
11. Traffiku u Parkeġġ.
12. Indafa u Ambjent
13. Ġonna, Parks, u Soft Areas
14. Utilitajiet u Servizzi
15. Infrastruttura
16. Attivitajiet
17. Materji oħra
18. Aġġornament tal-Laqgħa

**Is-Sindku, s-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk preżenti qalu t-talba.**

**15/1 Approvazzjoni tal-Minuti**

15/1.1 Il-minuti tas-sittax (16)-il laqgħa tal-Kunsill ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

15/1.2 Il-Kunsillier SZ ressaq korrezzjoni fuq materja numru 15/9.2, u talab li jiżdied il-kliem 23 ta' Frar 2016, wara l-kelma "Tlieta" Il-Kunsill qabel

15/1.3 Il-Kunsillier SZ ressaq korrezzjoni fuq materja numru 15/3.1, u talab li l-kelma "l-istess" tiġi sostitwita bil-kelma "lest". Il-Kunsill qabel

15/1.4 Il-Kunsilliera JBD ressqet korrezzjoni fuq materja numru 15/7.2, u talbet li l-kelma "kunsillier" tiġi sostitwita bil-kelma "kunsilliera". Il-Kunsill qabel

15/1.5 Il-minuti msemmija f'1.1 ġew approvati unanimament wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier SZ, ssekondata mill-Kunsilliera JBD. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa Numru 16 tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

15/1.6 Il-minuti tal-laqgħa annwali tal-Lokalita ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

15/1.7 Il-minuti msemmija f'1.6 ġew approvati unanimament wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier HS, ssekondata mill-Kunsillier JBD. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa Numru 15 tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

15/1.8 Is-Segretarju informa li fir-rigward tal-laqgħa tal-lokalita, rċieva komunikazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn kien hemm imwassal diżappunt minn resident. Huwa żied jgħid li irrisponda d-dipartiment bil-punti relevanti. Il-Kunsill qabel mal-kontenut tar-risposta, u innota li ma kien hemm xejn x'jiżdied.

**15/2 Punti imqajjma mill-minuti**

15/2.1 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 15/18.3 u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Is-Sindku irrimarka li apparti t-talba lill-pulizija, tqajmet il-materja anke waqt il-laqgħa tal-kabinett

**15/3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

15/3.1 Is-Sindku KB ressaq risposta mill-Iskola fuq korrispondenza relatata mar-rinnovazzjoni tat-*toilets*, fejn is-surmast ma qabilx li l-ispejjeż għandhom jiġu frankati minn spejjez oħra.

15/3.1.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill għaldaqstant qabel li dawn l-ispejjeż ta rinnovazzjoni tal-latrini tal-librerija pubblika m'għandhomx jiġu assorbiti mill-Kunsill.

15/3.1.2 Il-Kunsill innota ukoll li l-agreement bejn il-Malta Libraries u l-Kunsill għadu ma ġiex konkluż.

15/3.2 Is-Sindku KB ressaq kopja ta petizzjoni mibgħuta minn residenti ta' Triq San Mikiel lill-Ministru Evarist Bartolo, bis-suġġett ikun id-dħul ta tfal l-iskola mill-kanċell li hemm fi Triq San Mikiel.

15/3.2.1 Il-Kunsillier JB irrimarka li r-residenti mhux kuntenti, u jeżistu soluzzjonijiet oħra. Huwa informa ukoll lil l-kostruzzjoni tal-appartamenti fi Triq Zaren Dalli, li ħolqot dan l-inkonvenjent, hija konkluża, tant hu hekk li l-għalliema qeghdin jipparkjaw il-vetturi tagħhom f'din it-triq.

15/3.2.2 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li din il-materja qeda diġà tiġi diskussa fid-dipartiment tal-Edukazzjoni ladarba il-petizzjoni intbagħtet lill-Ministru għaldaqstant il-materja qed tiġi diskussa diġà bejn il-partijiet konċernati.

15/3.3 Is-Sindku ressaq korrispondenza mill-Kunsill ta Marsaxlokk fejn offrew il-Kunsill jidħol bħala stakeholder fil-proġett "iteneramed de" u ikun iffirmat "collaboration agreement".

15/3.3.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jitlob lill-Kunsill ta Marsaxlokk iktar informazzjoni fuq din il-materja, sabiex ikun jista' jiddiskuti il-proposta.

15/3.4 Is-Sindku ressaq diversi korrispondenza dwar is-Sistema li ser tiġi introdotta mill-MEPA li tirrigwarda il-*Waste Consignment* Notes. Is-Sindku informa li dan il-proċess possibbilment ser joħloq xkiel fil-proċess tal-ġbir ta Skart Goff.

15/3.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li preżentement għaddejja diskussjoni fuq din il-materja, li ġiet introdotta mingħajr l-ebda forma ta konsultazzjoni.

15/3.4.2 Il-Kunsill qabel li jistenna u jevalwa l-iżviluppi li jsiru f'dan ir-rigward.

15/3.5 Is-Sindku KB ressaq għad diskussjoni pjanta kif proposta mis-Sur Edric Micallef, bħala perit ta Transport Malta, li tirrifletti disinn ta' spazju vojt biswit il-Mużew u l-piċċ tal-football il-ġdid.

15/3.5.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel fuq dawn ir-rakkomandazzjonijiet:

- Żebra crossings isiru humped, u jsiru traffic calmers fejn hu possibli
- Possibbilment issir bike rail

- Isiru Motorcycle u disabled parking bays
- L-ispazju jigu użat kemm jista' jkun għall-parkeġġ

15/3.5.2 Il-Kunsill qabel ukoll li jirrakkomanda li jsir asfaltar ta triq il-Bżulija

**15/4 <u>Mistoqsijiet lis-Sindku</u>**

15/4.1 Il-Kunsillier LG staqsiet dwar il-possibbiltà ta użu tal-piċċ tar-ramel. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv, suġġett għall-booking u ħlasijiet relevanti.

15/4.2 Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku dwar possibbiltà li jsir ħadid sabiex jiġi ċċirkondat il-bandli li hemm fi Ġnien Profs Anton Tabone. Is-Sindku irrimarka li għanda issir verifika dwar din il-possibbiltà, u jekk ikun il-każ issir l-istima ta l-ispiża.

15/4.3 Il-Kunsillier JBD staqsiet lis-Sindku dwar il-proġett tal-park għall-persuni b'abilitajiet differenti u jekk tistax tkompli taħdem fuqu da parti tagħha. Is-Sindku irrimarka li la darba dan ser jiġi iffinanzjat minn awtorità' oħra dan jista' jsir. Is-Sindku KB ippropona li dan isir fi Triq Heracles, sabiex b'hekk isir spazju ta rikreazzjoni fil-Qajjenza. Il-Kunsill iddiskuta possibbiltà ta spazji oħra fosthom, fl-ispazju ta' Triq Santa Katarina, u Wesgħa Ramon Perellos. Il-Kunsill qabel li issir diskussjoni dwar is-sit mal-Perit.

**NB. 6.57 p.m - Il-Kunsillier HS talab li jkun skużat**

15/4.4 Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku dwar il-possibbiltà ta Cat Nueturing. Is-Sindku informa li huwa ser tkellem mas-sezzjoni tal-Animal Welfare, madankollu informa li l-wara li jsir in-nueturing, il-qtates iridu jk unu *homed* għal xi ġranet, liema fażi ser tkun problema.

15/4.5 Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku dwar iż-żona tal-qtates li tinsagħab fi Triq San Patrizju, u jekk hux ser ikun hemm kambjamenti. Is-Sindku informa li din ser titnaddaf u ser tiġi rilokata bi ftit metri, u dan wara numru ta ilmenti li daħlu l-Kunsill.

**NB. 7.03pm - Il-Kunsillier HS reġa' attenda għal-laqgħa**

15/4.6 Kunsillier SZ irrimarka li hemm *political will* li l-Freeport għandhom iħallsu l-*planning gain* mill MEPA, għall-Benefiċċju tal-kunsill. Huwa staqsa lis-Sindku jekk il-Freeport huwiex qed jopera mingħajr permess. Is-Sindku irrimarka li l-Freeport ħallas l-ammonti mitluba u għaldaqstant preżentement għandu permess. Nel frattemp il-Freeport appellat mid-deċiżjoni tal-MEPA

15/4.7 Il-Kunsill SZ staqsa lis-Sindku rigward ir-*ring* tal-basketball ta Pretty Bay, li huwa infurmat li inkiser. Is-Sindku informa li huwa mhuwiex infurmat b'dan u għaldaqstant ser jivverifika.

15/4.8 Il-Kunsillier HS staqsa f'hiex waslu it-tabelli u s-senjalazzjoni ta Trejqet Wied il-Klima. Is-Sindku informa li s-sinjali kienu tlestew, u t-tabelli waslu wkoll u għaldaqstant ser jitwaħħlu fil-ġranet li ġejjin.

15/4.9 Kunsillier HS staqsa lis-Sindku jekk waslitx informazzjoni fuq il- *planning gain* tal-Freeport u kif inhu miexi l-appell, f'termini ta data, skadenzi, u data tad-deċiżjoni. Is-Sindku informa li għad m'għandux din l-informazzjoni

**15/5 <u>Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati</u>**

15/5.1 Il-Kunsillier SZ ippropona li l-Kumitat tal-Għaqdiet. Ikun magħmul minnu bħala Chairperson, Is-Sindku membru ex-ufficio u tlett membri li huma is-Sur Raymond Camilleri, is-Sinjura Marlene Ebejer, u is-Sur Claudio Zammit. Il-Kunsill qabel unanimament

**15/6 <u>Rapporti minn Uffiċċjali u Membri tal-Kunsill</u>**

15/6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq lista ta assi liema assi huma absolete / beyond economical repair, sabiex jinqataw mir-reġistru tal-assi tal-Kunsill, liema lista ġiet iċċirkola minn qabel, u għaldaqstant ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

| Cat. | Ref | Purchase Dt. | Details | Cost Price | NBV |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 | KLB00056 | 03-04-94 | Chair Executive | 221.29 | 43 |
| 5 | KLB00010 | 10-05-95 | CPU Compaq Presario | 1887.96 | 9.167 |
| 5 | KLB00011 | 10-05-95 | Keybaord Compaq | 80.34 | 0.42 |
| 5 | KLB00014 | 18-12-95 | CDROM Gallery 2 | 88.52 | 0.52 |
| 5 | KLB00018 | 15-12-95 | Upgrade CPU Pentium | 195.67 | 1.11 |
| 5 | KLB00019 | 31-12-95 | Access. for computer network | 128.05 | 0.73 |
| 5 | KLB00021 | 04-11-95 | Photocopier NP1550 | 1986 | 2.52 |
| 5 | KLB00026 | 31-03-95 | Screen Antiglare | 93.17 | 0.46 |
| 5 | KLB00149 | 17-01-01 | Compaq PC Noebook PII | 4192.87 | 66.26 |
| 5 | KLB00158 | 21-07-00 | Super drive LS-120 f/pc | 323.78 | 5.81 |
| 5 | KLB00386 | 18-01-10 | Printer Epson ACU | 307 | 59.41 |
| 5 | KLB00411 | 24-10-08 | Printer/Copier/Scanner Lexmark | 80 | 11.55 |
| 8 | KLB00001 | 22-02-94 | Electric Kettle | 27.6 | 0.28 |
| 8 | KLB00015 | 04-05-95 | Recorder Micro Casette | 533.89 | 7.73 |
| 8 | KLB00029 | 08-12-94 | Fridge | 221.29 | 2.95 |
| 8 | KLB00279 | 27-02-13 | PrintPIX Digital Photo Printer | 885.14 | 61.32 |
| 8 | KLB00346 | 30-01-09 | Mobile Phone | 120 | 27.44 |
| | | | **Total** | **11372.57** | **300.677** |

15/6.2 Il-Kunsill approva unanimament li l-assi imsemmija jinqataw mir-reġistru tal-assi tal-Kunsill, unanimament wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsilliera JBD, ssekondata mill-Kunsillier JB.

**15/7** **Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji**

15/7.1 Is-Sindku KB ressaq għall-approvazzjoni skeda ta’ pagamenti bin-numru 03/16, liema skeda ġiet iċċirkolata minn qabel, u għaldaqstant ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

15/7.1.1 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-pagament numru 61 u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex risposta mingħand il-Pulizija rigward it-twaħħil tal-AED Machine. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

15/7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JBD u ssekondata mill-Kunsillier HS, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet pendenti imniżżlin fl-iskeda 03/16. Il-Kunsill approva nem con.

15/7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kwotazzjonijiet għax-xiri ta Air Conditioning Unit għall-uffiċju li jintuża mir-rappreżentanti tas-Sigurtà Soċjali. Il-Kunsill approva ix-xiri tal-Air Conditioning mingħand Arjakon; l-irħas offerta sottomessa konformi mar-rekwiżiti mitluba.

15/7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-istimi riċevuti għall-istallazzjoni ta sensors “Dusk to Dawn” għal numru ta postijiet pubbliċi. Il-Kunsill qabel li inġiebu kwotazzjonijiet oħra sabiex jiġi ikollu l-irħas stima, u sussegwentement isir l-eżerċizzju fuq l-irħas prezzijiet.

15/7.5 Il-Kunsillier SZ ippropona li jsiru senjalazzjoni taż-żebra cross LED, tal-crossings ta ħdejn l-għassa, u ta ħdejn ic-central strip tal-Promenade. Il-Kunsill qabel.

15/7.6 Il-Kunsillier SZ informa li hemm opportunita ta’ taħriġ (seminar) fil-qasam ta’ Leadership, u issuġġerixxa li din l-opportunita’ tingħata lil żewġ membri tal-għaqdiet mhux governattivi tal-lokal.

15/7.6.1 Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li joffri din l-opportunita lill dawk interessati (li jistaw ikunu iktar minn tnejn minn nies), u l-Kunsill iħallas komplessivament mhux iktar minn €100.

**15/8** **Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet**

15/8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa.

**15/9** **Offerti Pubbliċi**

15/9.1 Is-Sindku KB ressaq kwotazzjonijiet magħluqin riċevuti għal-provvista ta żebgħa tat-toroq.

15/9.1.1 Il-Kunsill approva ix-xiri ta żebgħa mingħand l-unika fornitur li issottometta l-offerta, JJ Ironmongery, suġġett għall-prova taż-żebgħa ssuġġerita.

15/9.2 Is-Sindku KB informa li l-offerti relatati mas-Servizz ta Accountant ġew ikkunsidrati mill-Kumitat tal-Offerti, liema kumitat iltaqa', fil-preżenza tal-espert imqabbad, is-Sur George Farrugia.

15/9.2.1 Is-Sindku informa li l-Bord sejjaħ lill-irħas tlett offerenti għall-intervista. B'riżultat ta dan, il-Bord irrakkomanda l-għażla ta P&D Consultancy.

15/9.2.2 Il-Kunsill approva unanimament li ir-rakkomandazzjoni tal-bord tal-għażla, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier SZ, ssekondata mill-Kunsilliera JBD.

**15/10 <u>Talbiet għal-Danni sofferti</u>**

15/10.1 Is-Sindku KB talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti rendikont tas-sitwazzjoni u tar-rapporti imħejja mil-Bord li twaqqaf mill-Kunsill.

15/10.2 Is-Segretarju informa bir-rakkomandazzjonijiet tal-bord kif ġej:

15/10.2.1 Talba tas-Sur Carmel Damato, li allegatament ġarrab ħsara fit-tyre tal-vettura tiegħu, liema danni allegatament ġew sofferti fi Triq il-Qajjenza. Il-Bord ma laqax it-talba, minħabba li l-klijent ħalla dubji serji dwar il-veraċità' tal-allegazzjoni

15/10.3 Wara mozzjoni imressqa mill-Kunsillier JB, ssekondata mis-Sindku KB, Il-Kunsill laqa unanimament ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord.

**15/11 <u>Traffiku u parkeġġ</u>**

15/11.1 Il-Kunsillier LG irrimarkat li t-Traffic Light ta ħdejn Għar Dalam ma ġewx iddisinjati tajjeb b'riżultat li ma jidhrux. Il-Kunsillier SZ irrimarka li dan ġie innotat u infatti ser jikteb lil-Transport Malta sabiex is-senjalazzjoni titressaq b'metru sabiex il-bozoz jiġu jidhru

15/11.2 Is-Sindku KB staqsa lil Kunsillier SZ jekk kienx hemm żviluppi fuq id-disinn propost tas-senjalazzjoni ta Triq il-Port Ħieles. Il-Kunsillier SZ informa li qed jistenna risposta minn Transport Malta.

15/11.3 Il-Kunsillier JBD irrimarka li hemm bżonn isiru senjalazzjoni biż-żebgħa fi Triq il-Mandolina

15/11.4 Il-Viċi Sindku JC staqsa rigward żviluppi fuq it-talba sabiex trasport goff ma jgħaddix minn Birżebbuġa. Il-Kunsillier SZ irrimarka li saret it-talba lil Transport Malta. Huwa żied jgħid li hemm approvazzjoni data 2012, u għaldaqstant il-Kunsill qabel li ġaladarba dawn kienu approvati, għandhom jitwaħħlu.

**15/12 Indafa u Ambjent**

15/12.1 Il-Kunsillier HS tkellem fuq il-Bring In Sites, u irrimarka li huwa innota miljorament f'dak li huwa tindif madwar il-Bring In sites. Il-Kunsillier HS ippropona li fejn hu possibbli, il-kontenituri jiġu imdawwra b'fencing tal-injam

15/12.1.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jagħmel proġett pilota permezz ta injam tal-pallets

15/12.2 Il-Kunsillier HS irrimarka li qed ikun hemm numru ta ilmenti dwar Bengħajsa, rigward il-kollezzjoni taż-żibel.

15/12.2.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għanda issir skip, faċċata tal-kappella, bi prova u imbagħad jiddeċiedi jekk titħalliex jew le

**15/13 Ġonna Parks u Soft Areas**

15/13.1 Ma kienx hemm punti diskussi.

**15/14 Utilitajiet u Servizzi**

15/14.1 Il-Kunsillier JB staqsa lill-Kunsillier SZ jekk kienx hemm żviluppi fuq id-dwal tal-pjazza ta quddiem il-Knisja. Il-Kunsillier SZ irrimarka li għadu ma tkellimx mal-kappillan fuq din il-materja.

15/14.2 Il-Kunsillier SZ ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill tlett applikazzjonijiet għall-lampi liema applikazzjonijiet ikopru kkonnetjar ta lampi eżistenti fi Triq il-Brolli, sabiex ikunu regolarizzati. Il-Kunsill approva l-applikazzjonijiet imsemmija

15/14.3 Il-Kunsillier SZ informa li għad irid isir l-arblu tad-dawl ta quddiem Ferretti sabiex titkompla l-applikazzjoni / proċess relevanti.

15/14.4 Il-Kunsillier JC informa li fi Triq il-Knisja, kantuniera ma Triq Santa Katerina, hemm arblu ta bozza li tmermer. Il-Kunsill innota li daħal anke rapport l-għassa għand l-ispettur Fabri dwar dan, iżda l-Enemalta naqsu milli jieħdu azzjoni. Il-Kunsill qabel li jsus wara l-Enemalta dwar dan il-każ. Il-Kunsill iddiskuta ukoll il-

possibbiltà li din il-bozza teħel mal-bini, u b'hekk jitneħħa l-arblu. Il-Kunsill qabel li ssir verifika dwar dan.

15/14.5 Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li rotta 210 tas-servizz pubbliku qed tibqa nieżla Birżebbuġa meta ma jkolliex nies u dan għad detriment tar-residenti. Il-Kunsill innota li ser ikun hemm laqgħa mal-Ministru ikkonċernat dwar it-trasport pubbliku u dan l-ilment ser jiġi diskuss hemm. Is-Sindku informa ukoll li jinsagħab infurmat li possibbilment isir kambjament fuq din ir-rotta.

**15/15 <u>Infrastruttura</u>**

15/15.1 Is-Sindku KB informa li bħalissa għaddejjin bix-xogħolijiet relatati ma aċċessibilta' fejn qed isiru numru ta drop down kerbs, bit-tec tiles, li huma madum konformi mal-bżonnijiet ta' persuni neqsin mid-dawl. Dawn qed isiru permezz ta ħaddiema assenjati mir-Reġjun, u l-ispejjeż tal-materjal ser jiġu rimbursati ukoll mill-istess reġjun.

**15/16 <u>Attivitajiet</u>**

15/16.1 Is-Sindku KB għamel referenza għall-Attività Espressjonijiet Maltin u ippropona li ma ssirx minħabba li l-fond mgħoti lill-Kunsill taħt l-iskema tal-Attivitajiet Kulturali huwa ta €2,000 biss, u fl-istess ġurnata hemm 2 attivitajiet oħra, dik ta Marsaxlokk u ta dik ta Ħal Għaxaq.

15/16.1.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li minflokha għanda issir l-attivita' Inġeddu Tfulitna, u għaldaqstant titranġa l-applikazzjoni li saret marbuta mal-Iskema.

15/16.2 Is-Sindku KB ressaq talba sabiex tinżamm attivita' "Goalkeeper Battle" mingħand is-Sur Mario Muscat fill-piċċ tar-ramel, nhar is-sibt u Ħadd 4 u 5 ta' Ġunju 2016, bejn it-8.00am u it-8.00pm, bil-qliegħ imur għal ZEM ZEM Foundation

15/16.2.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill approva li tinżamm l-attivita' bil-kundizzjonijiet tas-soltu. Il-Kunsill approva ukoll li jissuplixxi żewġ mobile toilets.

15/16.3 Is-Sindku KB ressaq talba sabiex tinżamm attivita' "Festival of Transport" - "Static Car Show" u numru ta *Entertainment* oħra, mingħand is-Sur Roderick Cachia fil-promenade tal-Bajja s-Sabiħa, nhar l-24 t'April 2016 bil-qliegħ imur għal Qalb it-Tfal

15/16.3.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jipproponi li l-Attivita tinżamm fil parkeġġ u fil promenade ta Wied il-Buni, u fi Triq San Patrizju, minħabba li l-post huwa ikbar. Madankollu, il-kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-attivita issir fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kunsill qabel ukoll li tilgħalaq it-triq waqt l-attivita'.

15/16.4 Is-Sindku KB ressaq talba mingħand Nick Sammut, sabiex tinżamm attivita' ta fund raising ghall-AU4MC (show ta karozzi u muturi) nhar is-Sibt 24 ta Settembru 2016, fi Triq il-Qajjenza.

15/16.4.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill approva li tinżamm l-attivita’ bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

15/16.5 Is-Sindku KB ressaq talba mingħand is-Sur Manuel Portelli (venompro) li titratta dwar talba sabiex isir kunċerti żgħar fill-Bajja s-Sabiħa, liema talba oriġinarjament kienet kunċert kbir.

15/16.5.1 Il-Kunsill iddiskuta li jaqbel mal-prinċipju, imma jrid il-pjan tal-bars, kiosks, u tip t’ikel/bars, etc. U għaldaqstant qabel li jkun aħjar li din l-attivita tiġi diskussa mal-organizzatur madwar mejda.

15/16.5.2 Il-Kunsill qabel ukoll dwar l-involviment tal-ħwienet tal-lokal, u li dawn il-kunċerti żgħar jiġu integrati fi Promenart.

**NB siegħa** **8.30pm – Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tiġi estiża sa massimu ta’**

15/16.6 Is-Sindku KB ressaq talba mingħand is-Sinjura Michelle Camilleri, f’isem il-Birkirkara Volleyball Club, sabiex jorganizzaw sessjonijiet ta taħriġ u logħob tal-Beach Volley fil-piċċ tar-ramel, darbtejn fil-ġimgħa bejn il 5.30 u 8.30pm, nhar ta Tnejn u Ġimgħa u jibdew mill-20 ta Ġunju 2016

15/16.6.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill approva -talba, favur kontribuzzjoni ta €10 favur il-Kunsill għal kull sessjoni, sabiex ikopru l-ispejjeż tad-dwal, ftuħ u għeluq, u manutenzjoni.

15/16.7 Il-Kunsilliera JBD infurmat bl-attivitajiet li ser ikunu organizzati fil-ġimgħat li ġejjin b’żieda ma dawk imħabbra preċedenti. Dawn Huma żjara fil-Forti ta Sant’ Iermu u wara dawra fil-port permezz ta dgħajsa għal nofs Mejju, Bar-B-Que fis-17 ta’ Ġunju, U Ġurnata mal-Pool fil-Lukanda DB San Antonio f’ Lulju

15/16.8 Is-Sindku KB talab lill-Kunsillier JB sabiex jieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta Jum l-Anzjan.

15/16.9 Is-Sindku KB talab lill-Kunsilliera JBD sabiex tieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta Jum il-Lokalita’, li għanda tinżamm fl-ewwel ġimgħa ta Settembru 2016.

**15/17** **<u>Materji Oħra</u>**

15/17.1 Is-Sindku KB informa li l-Magazine ser jitqassam propju l-għada tal-laqgħa.

**15/18** **<u>Aġġornament tal-Laqgħa</u>**

15/18.1 Il-Kunsill aġġorna għal-Tnejn 11 t’ April fil-5.30pm.

**Il-Laqgħa intemmet fit-9.10 p.m**

| | | |
|---|---|---|
| [IFFIRMATA] | [IFFIRMATA] | 11-April-16 |
| ______________________ | ______________________ | ______________ |
| Kevin Barun<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv | Data |